# Il-Francizi waqt l-imblokk

Minn Mons. Prof. A. BONNICI

**F'ittra li l-General Vaubois, il-Kap Kmandant tad-Diviżjoni tal-Belt, bagħat lid-Direttorju Esekuttiv tar-Repubblika Franċiża fid-19 ta' Novembru 1798, kiteb: "Ilna tliet xhur imblukkati mill-art u mill-baħar, mingħajr ma nieħdu aħbar mill-Gvern jew mill-General Bonaparte. Il-bastimenti ngliżi mblukkaw il-port; l-abitanti tal-Gżira dawru l-pjazza (il-Belt u t-Tliet Ibliet). Għoddu fuq il-qlubija tagħna, imma ibgħatulna l-proviżjon, jiswa kemm jiswa, mediċini, bombi u balal tal-24. Jekk tibgħatulna dan il-proviżjon, Malta tkun għal dejjem tar-Repubblika. Il-periklu tagħna minn ġewwa huwa pressanti. L-abitanti jżommu mal-partiġjani Maltin u jiena bgħatt 10,000 ruħ minnhom biex inkunu aktar fiż-żgur". Vaubois għalaq dik l-ittra b'dawn il-kelmiet: "Malta tibqa' tinżamm minna sakemm ma jifdalx la qtates u l-anqas klieb".**

Din l-ittra wriet biċ-ċar li l-Franċiżi imblukkati kienu ġa bdew iħossu n-nuqqas ta' proviżjon u munizzjon, imma bil-kuraġġ kienu lesti jżommu sħieħ sal-aħħar. U xi proviżjon u munizzjon kellhom f'idejhom meta ġew imblukkati?

### X'KELLHOM IL-FRANCIZI FIL-BIDU TA' L-IMBLOKK

Ma nafux x'kellhom fit-2 ta' Settembru 1798, meta l-Maltin qamu kontrihom u mblukkawhom. Iżda, minn ittra li Regnaud de St. Jean D'Angely, il-Gvernatur Ċivili ta' Malta, bagħat minn Ruma lid-Direttorju Franċiż fit-23 ta' Novembru tal-istess sena, nistgħu ngħidu li kien fadal dan li ġej:

34,000 salma (modd) = 136,000 xkora qamħ, 500 qantar ross, 45 barri, li kienu nġiebu minn Tripli u kienu ddestinati għall-isptarijiet, 120 majjal, proviżjon abbondanti ta' galletti, kif ukoll ta' ħaxix, li setgħu jservu għas-suldati għal ħafna xhur, kwantita' żgħira ta' 'bacon' immellaħ, li kienu nħażnu minn qabel, 80 barmil żejt taż-żebbuġa, 12,000 pinta nbid miżmumin għal morda. Il-ħall kien nieqes għal kollox: hekk ukoll l-alkoliċi". L-għadd tal-bjar kien juri li l-ilma ma kienx ser jonqos.

L-istess rapport kien jgħid li s-suldati Franċiżi kienu nieqsa mill-uniformijiet u l-qomos, għalkemm qabel kienu nxtraw qomos kemm wieħed seta' jixtri. Kien fadal kwantita' ċkejkna ta' ġild. Kien hemm ħafna faħam tal-ħaġra, iżda l-faħam tal-kannol kien spiċċa għal kollox, u kien meħtieġ. Ma kienx fadal libbra xemgħa, iżda kien hemm maħżun żejt biżżejjed. Il-ħatab għall-ħruq kien spiċċa, iżda l-injam ta' bastimenti abbandunati u l-fdal ta' puntuni qodma seta' jservi għal żmien twil.

Il-bjankerija fl-sptarijiet kienet nieqsa ħafna, għax ma kienx hemm id-drawwa li jingħataw qomos lill-morda: il-mediċini laħqu nħlew matul is-sitt xhur ta' qabel. Is-suldati kellhom biżżejjed imtieraħ tat-tiben, iżda ma kellhom xejn ložor u kutri.

### KONFERMA TAR-RAPPORT

Dwar l-armi u l-munizzjon D'Angely kiteb li l-Franċiżi kellhom porvli biżżejjed u kienu qed jaħdmu aktar. Balal kellhom ftit, imma xkubetti u armi bojod (xwabel?) kemm jinħtieġu.

Parti minn dan ir-rapport ġie kkonfermat minn dokument ieħor ta' dak iż-żmien, li nstab qalb il-karti ta' Lord Nelson, li jgħid li f'Ottubru 1798 il-Franċiżi kellhom qamħ għal 18-il xahar u mtieħen biżżejjed, ħafna żejt u naqra ġobon. L-ikel l-ieħor kien nieqes. L-akkwedott kien maqtugħ għalihom u għalhekk ma setax iwasslilhom l-ilma, iżda huma kellhom bjar li kienu mimlijin is-sena kollha barra mis-sajf. Id-dokument jissokta jgħid li minn xi 3,000 suldat u baħri u inqas minn 1,500 Maltin tajbin għall-armi xi 700 kienu jinsabu morda fl-isptar.

Minn jum għall-ieħor il-proviżjon u l-munizzjon kienu jonqsu dejjem iżjed. Il-Franċiżi ordnaw li fil-ġonna jinżergħu żrieragħ u jitħawlu siġar ta' ħwejjeġ tal-ikel, biex inaqqsu xi ftit mill-iskarsizza; kultant kienu jirċievu xi ftit tal-munizzjon bis-saħħa ta' bastimenti li, fid-dalma tal-lejl, kien jirnexxilhom jiskartaw mill-għassa tal-fregati ngliżi u portugiżi li kienu jimblukkaw il-Port u ħelsu wkoll minn xi Maltin li kienu mblukkati magħhom.

### PREZZIJIET GHOLJIN

B'dana kollu l-iskarsizza ssuktat tikber u l-ħajja ssuktat togħla aktar. Pietru Pawlu Castagna, fl-Istorja tiegħu "Malta u l-Gżejjer Tagħha", jagħtina lista tal-prezzijiet tas-Suq, li ħareġ il-General Vaubois sena qabel spiċċa l-imblokk — fis-sena 1799.

Il-ħwejjeġ tal-ikel kienu jinxtraw b'dawn il-prezzijiet kull libbra (ftit iżjed minn nofs artal): Laħam frisk tal-majjal 33c, laħam taż-żiemel, jew tal-bagħal jew tal-ħmar minn 50c sa lira, laħam immellaħ 10c, tiġieġa £M2.90,0, ħamiema £M1.45,0, beċċun 47c2, fenek 44c. Il-ġobon ordinarju 35c, ħut prim 15c, mezzan 12c5, ordinarju 10c4, zokkor 39c, kaffe' £M1.03,6, kull libbra. Flixkun inbid jew ħall 15c8, flixkun żambur 32c.

U issa isimgħu din: Gurdin mill-kbar kien jinbiegħ 6c7. Minn dan wieħed jara kemm kienet kbira l-iskarsizza tal-ikel fil-partijiet imblokkati tal-Gżira, speċjalment meta wieħed iġib quddiem għajnejh li dawk l-oġġetti, fi żminijiet normali, 180 sena ilu kienu jinxtraw bil-ħbub, jew mill-ieżmi kif ngħidu llum.